12 ta' Jannar, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Bajada et. *versus* Alfred Naudi

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja.**

*Ir-rikonoxximent tad-debitu da parti tad-debitur jista', għall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, ikun anki "illikwidu".*

*Fin-nuqqas ta' kont aċċettat mid-debitur, jew dikjarazzjoni oħra tiegħu bil-miktub, kull somministrazzjoni tikkostitwixxi somministrazzjoni għaliha b'terminu separat preskrizzjonali, li jibda jgħaddi mid-data tas-somministrazzjoni.*

*Jekk ir-rikonoxximent tad-debitu jsir wara li l-preskrizzjoni tkun kompiuta, dak ir-rikonoxximent ma jistax jammonta għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni; imma jista' jikkostitwixxi rinunzja għad-dritt li wieħed jeppona l-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment analogu, il-konvenut ikun kundannat iħallashom filkwalità tagħhom premessa, is-somma ta' £31. 6. 5, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u konsenjata f'diversi okkażjonijiet skond il-kont dok. A. Bl-ispejjeż u blimgħaxijiet legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, bħala provi ta' fatt relativament għal dan l-inċident, il-Qorti tirritjeni pruvat li, almenu minn sena 'l-hawn, il-konvenut, interpellat verbalment għall-ħlas minn xi wħud millatturi, qal kliem li jammontaw għal rikonoxximent tad-debitu. Ix-xhieda ta' Arthur Mercieca ma kienetx soddisfaċenti, u dik tal-konvenut lanqas;

Illi għalkemm hu veru li dawn il-kliem tal-konvenut ma jikkontjenu ebda ċertezza fil-"quantum" tad-dejn, hu però aċċettat fid-dottrina u l-ġurisprudenza illi r-rikonoxximent jista' jkun, kif isejjaħlu l-Giorgi, "illiquido". Ara anki f'dan is-sens sentenza "Huber ne. vs. Sciberras Trigona", Prim'Awla 28 ta' Ġunju 1927;

Illi dan ir-rikonoxximent, però, ma jistax fil-każ preżenti jikkostitwixxi interruzzjoni tal-preskrizzjoni; għaliex it-terminu preskrizzjonali, partikolarment meta wieħed iqies li kull somministrazzjoni, fin-nuqqas ta' kont aċċettat mid-debitur jew dikjarazzjoni oħra tiegħu bil-miktub, tikkostitwixxi somministrazzjoni għaliha b'terminu separat mid-data ta' dik is-somministrazzjoni (art. 2256 Kap. 23, u sentenza Prim'Awla "Ciantar vs. Catania", 10 ta' Ġunju 1926), kien ġà għadda meta ntqalu dawk il-kliem. Iżda jikkostitwixxi rinunzja għall-preskrizzjoni, ġà kompjuta, u konsegwentement rinunzja li wieħed joppponi din il-preskrizzjoni. Intqal a propożitu fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell, "Calleja vs. Abela" 26 ta' Marzu 1920 :— "La prescrizione è interrotta quando il debitore riconosca il diritto di colui contro il quale era cominciata; e se la prescrizione era compiuta, la ricognizione del debito fatta dal debitore assume il carattere di una rinunzia a tale prescrizione";

Illi għalhekk ma hemmx lok għall-preskrizzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċepita preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u tordna li l-kawża titkompla. Is-smiegħ tagħha hu differit għas-26 ta' Jannar 1950.